MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 265/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Aquilina talli:

1) (flimkien ma' John Farrugia) nhar is-Sibt u cioe` t-13 ta' Novembru 1999, xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m., gewwa Omega Court, Flat nru. 12, Triq Ananija, Qawra, proprjeta` ta' Mario Coleiro, ikkommetta serq ta' ammont ta' flus u diversi affarijiet ohra, u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-lok;

2) (flimkien ma' John Farrugia) hekk kif indikat fl-ewwel akkuza, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

3) (flimkien ma' John Farrugia) fl-istess data, hin, lok u cirkostanza, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mario Coleiro, anzjan ta' 64 sena, b'arma tan-nar kontra l-volonta` tieghu;

4) f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Novembru 1999, jew qabel, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe` karta ta' l-identita` f'isem Mark Lawrence Rizzo, illi meta tigi pprezentata wiehed jista jircievi biha hlas, jew jiehu kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor jew imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern, u xjentement b'diversi atti maghmulin minnu stess anki jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn it-13 ta' Novembru, 1999, u t-28 ta' Novembru, 1999, ghamel uzu minnha;

5) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura, jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew naqqas klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, billi iffalsifika il-firem ta' Mark Lawrence Rizzo u Mario Coleiro fuq diversi cekkijiet kemm tal-Mid-Med Bank u kif ukoll tal-Bank of Valletta, misruqa;

6) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, hekk kif ga msemmi fl-akkuza numru hamsa (5);

7) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti gja` msemmija fl-akkuza numru hamsa (5);

8) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

9) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentement ghamel falsifikazzjoni u ghamel uzu minn diversi dokumenti u cioe` cekkijiet iffalsifikati;

10) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elf liri Maltin (Lm1000) izda anqas minn hamest elef liri Maltin (Lm5000), ghad-dannu tal-Bank of Valletta, Mid-Med Bank, Mario Coleiro,

Forestal’s Ltd. tal-Gzira, E.C.B. Ltd. ta’ Tal-Pieta’, New Japanese ta’ Hal-Qormi, Arcidiacono ta’ l-Imsida, Hudson ta’ Santa Venera, A & D Borg ta’ l-Imsida, Tekno tal-Mosta, Audio Vision tal-Hamrun, Audio Panasonic tar-Rahal Gdid u Cutajar Ltd. Ta’ tas-Sliema;

11) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta’ Novembru, 1999, b’diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bi hsara ta’ haddiehor u cioe` tas-socjetajiet u persuni msemmija fl-akkuza numru disgha (9), ghamel xi qliegh iehor b’qerq;

12) (flimkien ma' John Farrugia) matul ix-xahar ta’ Novembru 1999, b’qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu izjed 'il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ kontra s-sewwa tigi akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

13) (flimkien ma' John Farrugia) nhar is-Sibt u cioe` t-13 ta’ Novembru 1999, xi hin bejn it-8.00 a.m. u d-9.00 a.m., gewwa l-Qawra, u kif ukoll qabel f’diversi postijiet f’Malta, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond, arma tan-nar jew munizzjon, jew kellu f’idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizzjon izda mhux f’fond jew f’post li jaghmel mieghu;

14) (flimkien ma' John Farrugia) hekk kif inhu indikat fl-akkuza precedenti u cioe` n-numru 12, giet fil-pussess tieghu arma tan-nar jew munizzjon, xorta ohra milli b’licenzja, u naqas li minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;

15) (flimkien ma' John Farrugia) hekk kif hemm indikati fl-akkuzi (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9), (10), (11), (12), (13), u (14), kien komplici fid-delitti ta’ serq aggravat b’arma tan-nar, ricettazzjoni, sekwestru ta’ persuna kontra l-volonta` tieghu, falsifikazzjoni f’dokumenti u uzu kontinwat taghhom, frodi u pussess ta’ arma tan-nar;

16) f’xi gurnata matul ix-xahar ta’ Novembru 1999, meta mhux ufficjal awtorizzat, ghamel xi marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, biddel jew issostitwixxa xi marka jew dhul fuq il-karta ta’ l-identita` ta’ Mark Lawrence Rizzo li ggib in-numru 216383M, billi biddel ir-ritratt ta’ l-

imsemmi Mark Lawrence Rizzo ma' tieghu, u aktar tard matul l-istess xahar hassarha jew iddistruggiha;
17) matul ix-xahar ta' Novembru, 1999, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, kellu fil-pussess tieghu karta tal-identita` iffalsifikata f''isem Mark Lawrence Rizzo mill-Belt, Valletta, u ghamel uzu minnha jkun li jkun;
18) f'xi gurnata fix-xahar ta' Novembru, 1999, gie fil-pussess ta' karta tal-identita` illi ggib in-numru 216383M, f'isem Mark Lawrence Rizzo, u naqas li minnufih jikkonsenjaha jew jibghatha lid-detentur taghha jew lill-ufficjal awtorizzat;
19) f'xi gurnata fix-xahar ta' Novembru 1999, xtara jew b'xi mod iehor ircieva minghand xi persuna ohra jew instab li ghandu fil-pussess tieghu xi oggetti li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dan l-oggett huwa proprjeta` tar-Repubblika ta' Malta, jew oggett illi l-pussessur tieghu ikun jaf illi huwa proprjeta` tar-Repubblika ta' Malta, li l-awtorita` kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista' jiddisponi minhhom u jonqos li jaghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggett jew il-haga, u cioe` l-karta tal-identita` ta' Mark Lawrence Rizzo, giet ghandu;
20) f'xi gurnata fix-xahar ta' Novembru, 1999, bil-hsieb li jahbi proprjeta` tar-Repubblika ta' Malta, iddistrugga jew hassar karta tal-identita` li ggib in-numru 216383M, f'isem Mark Lawrence Rizzo, li ghalihom ma jkunx gie moghti permess sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom, u liema oggett huwa proprjeta` tar-Repubblika ta' Malta;
21) f'dawn il-Gzejjer u cioe` nhar il-Hadd, it-28 ta' Novembru 1999, f'xil-11.00 p.m. fil-Liquid Club li jinsab fi triq il-Balal, San Gwann, kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika ***'Ecstasy'***, meta ma kienx awtorizzat kif imiss.
Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma' l-imsemmi Joseph Aquilina talli huwa recidiv b'sentenza definittiva tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla Nru. 7 fejn fis-16 ta' Dicembru 1993 kien instab hati fuq serq u kkundannat sena prigunerija, u aktar talli fis-16 ta' Mejju 1996 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla Nru. 10 kien instab hati dwar hsara volontarja u kkundnnat ghoxrin (20) jum prigunerija, u aktar talli fl-24 ta' Lulju 1995 mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) Awla Nru. 8 kien immultat Lm300 wara li nstab hati fuq serq, u kif ukoll talli fis-27 ta' Frar 1996 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Awla Nru. 1 kien ikkundannat hames (5) xhur prigunerija wara li nstab hati fuq serq, u kif ukoll talli mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Marzu 1993 kien ikkundannat sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin wara li kien instab hati fuq serq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Settembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Aquilina hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena karcerarja ta' erba' snin u nofs, ordnat il-konfiska tal-vettura Fiat Punto numru GAG-047, u rrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista' jkun jaghti dik l-ghajnuna necessarja sabiex l-istess Joseph Aquilina jindirizza l-problema li ghandu dwar l-abbuz tad-droga;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Aquilina pprezentat fis-26 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha dwar il-htija tas-serq aggravat, tirrevokaha dwar it-tieni stante li din kienet alternattiva ghall-ewwel, tibdilha dwar it-tielet stante li din l-akkuza hija kompriza u nvoluta fl-ewwel akkuza, tikkonfermaha dwar ir-raba' akkuza, tikkonfermaha dwar il-hames akkuza, tiddikjara li s-sitta u s-seba' huma assorbiti fil-hames, tibdilha dwar it-tmien akkuza peress li din hi assorbita fil-hames, thassar dwar id-disa' akkuza stante li din hija ripetittiva tal-akkuzi precedenti, u cioe` ir-raba' u l-hames, tikkonfermaha dwar l-ghaxar akkuza minghajr l-aggravju tal-valur stante li l-ammonti kienu ripetuti u dan fuq il-bazi ta' reat kontinwat skond l-oghla valur, tibdilha dwar l-akkuza hdax stante li din hi kompriza u nvoluta fid-disa' u l-ghaxar akkuza, tikkonfermaha dwar it-tnax il-akkuza, tikkonfermaha dwar it-tlettax il-akkuza, tibdilha dwar l-erbatax il-akkuza stante li din hija kompriza fit-tlettax il-akkuza, tibdililha dwar l-akkuza hmistax stante li hi kompriza u nvoluta fil-precedenti akkuzi, tibdilha dwar l-akkuza 16 stante li din hija ripetittiva ta' akkuza precedenti, tibdilha dwar l-akkuzi sbatax, tmintax, dsatax u ghoxrin peress li dawn jew

huma ripetittivi jew komprizi u nvoluti fir-reati precedenti dwar il-karta tal-identita`, u tikkonfermaha dwar l-akkuza 21; inoltre dwar il-piena, stante l-principji msemmija, tibdilha f'wahda anqas gravi li taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni tal-kwotazzjonijiet li ghamlet, wahda fuq il-portata tal-verbal registrat mill-appellant permezz ta' l-avukat tieghu u t-tieni t-tifsira tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Aaron Cassar** fit-28 ta' Ottubru 2004.

L-appellant jghid li mhuwiex qieghed jappella mill-fatti peress illi l-grajja giet ammessa u l-verbal tas-16 ta' Mejju 2005 kien ifisser li l-fatti mhux kontestati, ghalkemm tnizzel erronejament li kien hemm ammissjoni ta' l-akkuzi. Skond l-appellant, mhuwiex permissibbli li l-Qorti, anke kieku kien il-kaz li kellha quddiemha ammissjoni ta' l-akkuzi kollha *sic et simpliciter*, li tikteb sentenza li legalment tkun zbaljata. Per ezempju, jissokta l-appellant, ma tistax thalli li jkun hemm serq u ricettazzjoni ta' l-istess oggett, l-anqas tista' ko-awturi thalli li jkun hemm akkuza kontra taghhom ta' komplicita`; lanqas li fl-istess cirkostanzi jkun hemm it-truffa u l-qliegh b'qerq ghaliex it-truffa huwa qliegh b'qerq imma ghandu mieghu l-element tal-messa in scena. L-istess jinghad meta jkun hemm reati li huma mezz ghall-fini jew komprizi u nvoluti: min jiffalsifika cekk u jsarrfu, u jkun l-istess persuna, reat wiehed ikun ikkommetta; ma jkunx il-kaz jekk qieghed jiffalsifika u jghaddi c-cekk lil terz. L-anqas tista' tqis li la semmejt ic-cekk bhala "cedola" wara tikkwalifikah bhala reat per se "ta' skrittura privata". L-appellant ikompli jghid li l-anqas hu logiku li ghaliex l-karta ta' l-identita` jkollha fuqha l-arma tar-Repubblika ta' Malta jgib li hu reat min ikollu fil-pussess tieghu oggett li huwa proprjeta` tar-

Repubblika, ghaliex inkella l-Maltin kollha huma hatja tar-reat in kwistjoni.

Skond l-appellant, dan kollu gara ghaliex il-prosekuzzjoni ghogobha taghmel lista enormi ta' ipotesijiet ta' reati, sahansitra ripetizzjoni ta' l-istess akkuzi - in-numri 6 u 7. Izid jghid imbaghad li jekk is-sekwestru tal-persuna huwa aggravanti tas-serq, dan hu assorbit fir-reat numru 1; hekk ukoll jirrizulta l-qliegh b'qerq. Dwar it-truffa, meta jkun hemm diversi incidenti jkun hemm reat kontinwat u ma tistax il-prosekuzzjoni taghmel total tal-valur halli tghollieh; ikun reat kontinwat taht l-elf lira jew l-oghla valur li jirrizulta. Jekk hemm akkuza ta' falsifikazzjoni, naturali li jkollok fil-pussess tieghek id-dokument biex tiffalsifikah; ghalhekk akkuza tal-pussess illegittimu u nuqqas ta' denunzja huma komprizi u nvoluti.

Issa, mis-sentenza appellata jirrizulta li fir-rigward ta' l-ammissjoni ta' l-appellant l-Ewwel Qorti ma ccitat l-ebda sors. Dak li qalet kien is-segwenti:

"Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-sittax ta' Mejju 2005 [fol 599] u cioe` hames snin u nofs wara li gew imressqa l-Qorti.

"Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sittax ta' Mejju 2005.

"Illi ghalhekk rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa u inkondizzjonata da parti ta' l-imputati, hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja ta' l-akkuzi kif addebitati fil-konfront taghhom wara li semghet il-prosekuzzjoni u l-avukat difensur jittrattaw fuq il-fatti.

"…. Inoltre semghet lill-avukat difensur ta' Aquilina jghid li din il-Qorti m'ghandhiex issib lill-imputat Aquilina hati ta' l-akkuzi kollha peress illi mhux kollha jirrizultaw ghalkemm fis-16 ta' Mejju, 2005 (fol. 599) kien hu stess li rregistra ammissjoni ghall-imputat Aquilina ghall-akkuzi kollha."

Din il-Qorti ezaminat il-verbal tas-16 ta' Mejju 2005 quddiem l-Ewwel Qorti u minn hemm jirrizulta illi filwaqt li l-ko-imputat John Farrugia rregistra "ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif dedotti", fir-rigward ta' l-appellant odjern Joseph Aquilina sar dan il-verbal:

**"L-imputat Joseph Aquilina fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu Dottor Joseph Brincat jirregistra ammissjoni u jaghmel referenza ghall-principju legali dwar l-assorbiment tar-reati kif ukoll ghal dawk l-akkuzi li huma mezz ai fini tar-reati l-ohra u jitlob li jsir PSIR dwaru.**

**Il-Qorti tat lill-imputat Joseph Aquilina zmien cans sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni, pero` dan nonostante hu nsista fuq l-ammissjoni tieghu."**

Dan ifisser li l-ammissjoni ta' l-appellant ma kinitx ghal kollox inkondizzjonata u l-appellant ghandu ragun jilmenta min-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti li tikkunsidra liema kienu dawk ir-reati komprizi u nvoluti f'reati ohrajn u liema kienu dawk ir-reati li setghu servew bhala mezz biex isiru reati ohra.

Fl-aggravji tieghu l-appellant imur oltre minn dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2005 peress illi jghid li l-imputazzjoni ta' ricettazzjoni kellha titqies bhala imputazzjoni alternattiva ghal dik ta' serq aggravat, li ma setax jinstab hati kemm li kien l-awtur kif ukoll li kien il-komplici, u li f'kaz tar-reat kontinwat ta' truffa l-prosekuzzjoni ma setghetx taghmel il-valur totali biex tgholli l-valur ghall-finijiet ta' piena. Legalment l-appellant ghandu ragun. Difatti, ir-ricettazzjoni huwa reat awtonomu mis-serq u mhux kompriz u involut fir-reat principali[1], u ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati kemm ta' serq skond l-ewwel imputazzjoni kif ukoll ta' ricettazzjoni ta' l-istess oggett skond it-tieni imputazzjoni. Ma setax l-anqas l-appellant jinstab hati kemm li kien l-

[1] Ara, per ezempju, Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998, Vol. LXXXII.iv.446.

awtur tar-reati addebitati lilu kif ukoll li kien komplici skond il-hmistax-il imputazzjoni fl-istess reati. Kwantu mbaghad ir-reat kontinwat ta' truffa skond l-ghaxar imputazzjoni, il-pozizzjoni hi li f'kaz ta' diversi reati kontra l-patrimonju li jaghmlu reat wiehed kontinwat, ghall-finijiet tal-valur ghandu jitqies il-valur ta' dak ir-reat li hu l-akbar fost il-valuri l-ohra. Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Salvu Depares** deciz fis-6 ta' Marzu 1954 (Vol. 38C.iv.822) il-kompjant Onor. Imhallef William Harding qal hekk:

**"L-Imhallef sedenti jahseb li din it-teorija hi gusta; mhux biss ghaliex tevita l-inkongruwita` fuq imsemmija [skond it-teorija tal-Carrara u li giet abbraccjata mill-Ewwel Qorti, li, avolja jkun hemm il-karattri kollha tal-kontinwita`, din tigi eskluza fuq konsiderazzjoni ghal kollox estranea - dik tal-piena], imma anki ghaliex, ga ladarba r-reat kontinwat jipotizza konkors 'sui generis', hu xieraq li fid-determinazzjoni tal-valur tigi segwita, 'mutatis mutandis', ir-regola li hemm fl-inciz (h) ta' l-art. 19 Kap 12 [illum 17(h)]. F'dak l-inciz, f'kaz ta' diversi reati intizi ghall-kommissjoni ta' reat iehor, tigi applikata, stante l-assorbiment, il-piena l-aktar gravi. Hekk, l-istess fir-reat kontinwat, fejn diversi reati, stante l-unicita` tar-rizoluzzjoni, jitqiesu reat wiehed, il-valur ghandu jitqies dak li hu l-akbar."**

Fil-kaz odjern, pero`, il-fatt li fl-ghaxar imputazzjoni l-prosekuzzjoni ndikat il-valur totali ma jbiddel xejn mill-piena applikabbli. Skond l-ligi vigenti meta sehhew ir-reati in kwistjoni (ara artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9), meta l-ammont tal-hsara kien jeccedi l-"hames mitt lira, il-piena tizdied minn zewg gradi sa tliet gradi". Fil-fatt mill-atti jirrizulta li l-oghla ammont li tieghu l-appellant ghamel qligh bl-ghemil qarrieqi tieghu kien ta' Lm615 ghad-dannu ta' Audio Video Centre. Ghalhekk f'dan il-kaz hija applikabbli proprju din l-oghla piena u li, minhabba li hawn si tratta ta' reat kontinwat, tista' tizdied minn grad sa zewg gradi.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha tal-kaz, hi tal-fehma li t-tielet

imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, is-seba' imputazzjoni hi assorbita fis-sitt imputazzjoni, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet huma assorbiti fil-hames imputazzjoni, il-hdax-il imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fl-ghaxar imputazzjoni, id-dsatax-il imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fis-sbatax-il imputazzjoni u l-ghoxrin imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fis-sittax-il imputazzjoni. Inoltre ghandu jitqies li r-reati ta' falsifikazzjoni saru bhala mezz sabiex jigu uzati d-dokumenti ffalsifikati ghall-iskop ta' l-ghemil qarrieqi ta' l-appellant.

Kwantu ghall-piena, l-appellant isostni li din tippekka kontra l-principji stabbiliti fis-sentenza citata mill-Ewwel Qorti ghax id-disparita` bejn il-piena nflitta fuq l-appellant u dik nflitta fuq il-ko-imputat l-iehor kien ta' kwazi d-doppju.

Dwar id-disparita` fis-sentenzi, il-Qrati Inglizi kellhom okkazjoni jittrattaw sitwazzjonijiet simili u minn dik il-gurisprudenza wiehed jista' jislet certi linji ta' gwida. F'*Blackstone's Criminal Practice*, 2001 (para. D22.47 a fol. 1650) jinghad:

**"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by *Stroud* (1977) 65 Cr App R 150. In his judgment in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal - the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive. If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal's view, treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his lordship put it, 'The appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right**

**sentence, this court should produce two wrong sentences. That is a submission which this court cannot accept'. Other similar decisions include *Brown* [1975] Crim LR 177, *Hair* [1978] Crim LR 698 and *Weekes* (1980) 74 Cr App R 161…. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example,** *Wood* (1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but **where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.**

**Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where, however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (*Dickinson* [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus, in *Nooy* (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said:**

**There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."**

Archbold, f'*Criminal Pleading, Evidence and Practice*, 2001 (para. 5-174, p. 571) jikkummenta hekk:

**"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation, but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice?" (per Lawton L.J. in *R. v. Fawcett*, 5 Cr. App.R.(S) 158 C.A.). The court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant (see *R. v. Large*, 3 Cr.App.R.(S) 80, C.A.). There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion: see *R.v. Stroud*, 65 Cr. App.R. 150, C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as *R. v. Wood,* 5 Cr.App.R.(S) 381. C.A., *Fawcett*, ante, and *Broadbridge*, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in *Fawcett* is satisfied."**

A bazi ta' dawn il-linji gwida, meta wiehed iqis li, *inter alia*, l-Ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni li kien proprju l-appellant odjern li kien "l-awtur principali ghal dak li sehh" f'hafna mir-reati li gie akkuzat bihom, u li hija kkonfrontat il-fedini penali rispettivi ta' l-appellant u l-ko-imputat l-iehor, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-mod ta' kif l-Ewwel Qorti ddifferenzjat bejn l-wiehed u l-iehor.

Naturalment, ser isir temperament fil-piena sabiex jigi rifless dak li gie osservat aktar qabel fir-rigward ta' l-aggravju principali ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet numri tnejn (2) u hmistax (15) u minnhom tilliberah, tikkonfermaha in kwantu sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra dedotti kontra tieghu b'dan li t-tielet imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni, is-seba' imputazzjoni hi assorbita fis-sitt imputazzjoni, it-tmien u d-disa' imputazzjonijiet huma assorbiti fil-hames imputazzjoni, il-hdax-il imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fl-ghaxar imputazzjoni, id-dsatax-il imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fis-sbatax-il imputazzjoni u l-ghoxrin imputazzjoni hi kompriza u nvoluta fis-sittax-il imputazzjoni, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal prigunerija ghal perijodu ta' erba' snin u nofs u minflok tikkundannah ghal prigunerija ghal perijodu ta' tliet snin u nofs. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament, u b'mod partikolari fejn irrakkomandat lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex kemm jista' jkun jaghti dik l-ghajnuna necessarja sabiex l-appellant jindirizza l-problema li ghandu dwar l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------